**154. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Billi huwa maħsub fl- artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-trasferiment ta' Artijiet tal-gvern li art (kif imfisser f'dak l-Att) li tkun proprjeta' tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (wkoll kif imfisser f'dak l-Att) ħlief skond xi waħda mid-dispożizzjoni- jiet tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) jew (e) tas- subartiklu (1) ta' dak l-artiklu;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (b) tal- imsemmi subartiklu li trasferiment kif imsemmi qabel jista' jsir "skond policy applikabbli għall- art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat- trasferiment";

U billi b'riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Awissu 1976, il- Kamra tad-Deputati approvat il-policy miġbura f'dokument anness ma' l- istess riżoluzzjoni għall- finijiet tal paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu;

U billi b'diversi riżoluzzjonijiet, il-Kamra tad-Deputati ġeddedt ir- riżoluzzjoni ta' l-4 ta' Awissu, 1976 kif emendata sal-31 ta' Mejju 1989;

Huwa b'dan riżolut li r- riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati fuq imsemmija ta' l-14 ta' Awissu 1976, kif emendata sal-lum (jiġifieri bl-emendi tat-2 ta' Ġunju, 1981, tal-25 ta' Mejju 1983, tat-2 ta' April 1984 u tas-27 ta' Lulju 1988) terġa' tidħol fis-seħħ b'effett mil-lum.

14.06.1989